# Nota tal-Awtur fuq il-Metodoloġija Applikata

L-iskop ta' din ir-riċerka hija li tagħti xhieda għall-kontribut li ta l-Oratorju Qalb ta' Ġesù fil-parroċċa tal-Mosta u lil hinn minnha. Kontribut qawwi, kontinwu u sinifikattiv fit-trawwim tal-fidi fost it-tfal. Kontribut daqstant ieħor kruċjali, żelanti u meħtieġ fil-formazzjoni nisranija u ċivika fost l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ. F'dan il-ktieb se ssibu l-istorja ta' din l-istituzzjoni ewlenija fil-Mosta mifruxa fuq medda ta' mitt sena bejn l-1914 u l-2016. Matul dan il-perjodu ttieħdu diversi miżuri, inbnew għadd ta' faċilitajiet u kienu involuti numru kbir ta' pijunieri u esponenti li ddistingwew ruħhom mhux biss fl-oqsma tal-appostolat u l-volontarjat imma, aktar minnhekk, taw bażi soda u sens ta' direzzjoni lil eluf ta' tfal u żgħażagħ. Ħafna mix-xogħol twettaq fid-dell, ħafna mill-inizjattivi ntesew maż-żmien u ħafna mis-sagrifiċċji saru bla ma ħadd induna. Issa kien wasal il-waqt li tinkiteb l-istorja sħiħa u kompluta ta' dan l-Oratorju biex dak li ġara fl-imgħoddi, jaspira u jħeġġeġ lil dak li għad jiġri fil-ġejjieni.

B'danakollu, bħala riċerkatur qgħadt attent biex ma naqax fin-nasba ta' kitba djarjistika. Ma ridtx li dan il-ktieb ikun sempliċiment damma kronoloġika ta' tant ġrajjiet impoġġijin sena wara sena. Din it-tip ta' kitba, għalkemm minnha nnifisha hija xorta valida, nikkunsidraha bħala waħda sterili. Tħallik indifferenti taqra dwar id-diversi stadji tal-istorja, mingħajr ma tinvolvi l-emozzjoni u bla ma tqanqal sens ta' riflessjoni. Minflok iddeċidejt li nippreżenta l-istorja tal-Oratorju b'mod aktar ħaj, imlewwen u appellabbli. Dan ippruvajt nagħmlu kemm bl-istil ta' kitbieti u kif ukoll bl-għażla tal-għejun tar-riċerka.

L-ewwel nett, kif joħroġ ċar mit-titlu, dan mhux biss huwa ktieb li jiddokumenta l-istorja uffiċjali tal-Oratorju, imma huwa wkoll maħsub biex jinseġ id-diversi stejjer li għexu t-tfal u ż-żgħażagħ fi ħdanu. Din ir-riċerka mhix interessata biss mill-fatti, il-figuri u dati (li minnhom hemm ħafna), imma wkoll mill-ħidmiet, l-entużjażmu u l-bawxati ta' dawk li daħlu u ħarġu mill-Oratorju tul tfulithom u żgħożithom. Din ir-riċerka tistrieħ fuq id-dokumentazzjoni storika u uffiċjali, daqskemm tifrex fuq l-esperjenzi umani. Għalhekk, fit-titlu daħħalt kemm il-kelma 'storja' li biex, ngħidu hekk, nistgħu nittraduċuha għal *official history*, kif ukoll il-kelma 'stejjer' li qiegħda tirreferi għat-tiġrib ta' kuljum fi kliem dawk li għal diversi snin kienu msieħba fl-Oratorju u l-għaqdiet tiegħu. F'dan il-kuntest, addottajt stili ta' kitba differenti fid-diversi taqsimiet tal-ktieb. Hemm partijiet fejn ktibt b'mod formali, irrispettajt il-kronoloġija, sawwart tabelli

bl-istatistika u ħloqt grafika sistematika biex inwassal b'ċarezza t-tagħrif li rriżultali mill-analiżi tad-dokumenti fl-arkivji. Hemm waqtiet oħrajn, mhux anqas fil-għadd, fejn it-ton ta' kitbieti jieħu xejra informali. Hawnhekk nistrieħ iżjed fuq l-istejjer – ħafna drabi mimlija ċajt, xi ftit oħrajn inqas pożittivi - li smajt mingħand tant Mostin li ħadu t-tagħlim u l-formazzjoni tagħhom f'dan iċ-ċentru. Permezz tat-taħlit fl-istili li ħaddimt, kelli f'moħħi li r-ritmi ta' din ir-riċerka ikanġu minn taqsima għal oħra: minn kitba storika għal oħra informali, minn statistika għal bawxata, minn riflessjoni għal emozzjoni, mill-passat għall-futur.

It-tieni nett, il-freskezza tal-istorja u l-istejjer tal-Oratorju ppruvajt nassiguraha b'ħames għejun maġġuri li minnhom sawwart l-informazzjoni primarja. Dawn l-għejun huma: (a) id-dokumenti, (b) l-intervisti, (ċ) il-*focus groups* (d) l-esperjenza personali u (e) l-evidenza viżwali. L-iskop ta' dan il-ktieb seta' jintlaħaq biss bit-tagħrif li rriżultali mit-tħaddim ta' dawn is-sorsi. Fil-ħamsa li huma żgurajt li nimxi b'etika professjonali biex il-konklużjonijiet li joħorġu minnhom jkunu ta' min jorbot fuqhom. Terġa' u tgħid, din hija riċerka trijangulata għax tistrieħ fuq aktar minn għajn waħda ta' tagħrif li tkompli żżid u ssaħħaħ il-bażi xjentifika. F'din in-nota inizjali dwar il-metodoloġija applikata, inħoss li huwa dmir tiegħi li nagħti xi dettalji qosra fuq il-mod ta' kif ħaddimt kull wieħed minn dawn l-istrumenti ta' informazzjoni.

Id-dokumenti huma żgur l-ewwel sors ta' kull riċerkatur li jkun se jikteb l-istorja ta' xi ħadd jew xi ħaġa. Dawn joffri ħemel ta' tagħrif ta' natura storika u kienu tabilħaqq importanti, partikolarment, meta kont qiegħed nikteb fuq is-snin bikrija tal-Oratorju fl-ewwel żminijiet tas-seklu 20. Ikkonsultajt reġistri, kotba bil-minuti tal-kumitati, irċevuti, rapporti finanzjarji, korrispondenza, skripts ta' drammi antiki u dokumenti oħra relatati kemm fl-arkivju tal-parroċċa tal-Mosta u kif ukoll fl-Oratorju stess. Hawn sibtu ta' għajnuna kbira x-xogħol mhux komplut ta' Anthony Camilleri (1946-2001) li kien beda jikteb l-istorja uffiċjali tal-Oratorju. In-numru kbir ta' referenzi diretti għal dan ix-xogħol, li kien beda jkun ippubblikat fil-forma ta' faxxikli fil-gazzetta *Il-Mosta*, jixhed l-importanza strateġika tiegħu għal dan il-ktieb li issa għandek f'idejk. Ma' dan inżid ngħid li l-gazzetta parrokkjali *Il-Mosta*, hi stess organu tal-istess Oratorju, tifforma parti integrali mill-analiżi dokumentattiva li għamilt. F'dan il-qasam ikkonsultajt ukoll il-bosta pubblikazzjonijiet li ħarġu mill-għaqdiet li kienu jiffunzjonaw fl-Oratorju, partikolarment wara l-Gwerra. Kull darba li rreferejt għal xi wieħed minn dawn id-dokumenti primarji, ħadt ħsieb biex ninkludi r-referenza rispettiva biex, jekk issir iżjed riċerka fil-futur, ikun hemm fuqxiex wieħed jista' jkompli jibni.

L-intervisti huma t-tieni sors ta' din ir-riċerka. Minnhom għamilt mal-erbgħin waħda, b'kull waħda ttul għal medja ta' 90 minuta. Kollha saru bejn Ġunju 2015 u Jannar 2016 u, bil-permess ta' dawk intervistati, ilkoll ġew irrekordjati. Filwaqt li dejjem żammejt f'moħħi l-iskop oriġinali, addottajt stil ta' intervisti bbażat fuq konverżazzjoni libera. Ħallejt lil dak li jkun jimraħ fir-rakkonti tiegħu bl-inqas interventi possibbli min-naħa tiegħi. Xogħli kien dak li nagħmel ftit domandi skont il-persuna li kelli quddiemi u nħeġġeġ biex jingħataw eżempji u stejjer ta' dak li jkun qiegħed jingħad. Fil-maġġoranza tal-każi, l-intervisti saru fir-residenzi privati ta' dawk li ħadu sehem. Lil kull min avviċinajt, kulħadd aċċetta bil-qalb t-tajba għax kollha għad għandhom l-isbaħ memorji

tal-Oratorju. Kienu biss tlieta l-każijiet li ma laqgħux l-istedina, tnejn minħabba mard u ieħor għax kien iħossu ffastidjat b'xi ħaġa li ġrat ferm qabel bdejt ir-riċerka jien.

Flimkien mal-intervisti, amministrajt żewġ *focus groups*; kull wieħed kompost minn seba' jew tmien persuni. Għall-ewwel wieħed sejjaħt grupp ta' *old boys* li kienu jiffrekwentaw l-Oratorju fl-aħħar tas-sebgħinijiet u l-bidu tat-tmeninijiet. Jafu lil xulxin sewwa għax kibru flimkien. Tgħallmu, lagħbu u rreċtaw fl-Oratorju. Għat-tieni wieħed kienu mlaqqgħin grupp ieħor ta' żgħażagħ li fil-preżent huma membri ta' *ignite 18+* li huwa l-grupp taż-żgħażagħ li fil-preżent qiegħed jopera fl-Oratorju. Hekk stajt nisma' l-istorja kollettiva, mhux biss individwali, ta' membri li għexu l-passat u ta' oħrajn li qegħdin jgħixu l-preżent. Kuntrarju għall-intervista personali, il-*focus group* joffri l-possibbiltà li t-tifkiriet u l-ideat espressi waqt is-sessjoni jkunu ċċalinġjati dak il-ħin stess. Min imeri, min jibni fuq l-argument ta' qabel, min jiftakar f'xi ħaġa oħra, min jaqbel u min ma jaqbilx. Inħoss li din l-għodda biex tinġabar ir-riċerka hija fost l-iżjed utli u interessanti.

Seddaqt l-informazzjoni li ħarġet mid-dokumenti, l-intervisti u l-*focus groups* bl-esperjenza personali li għandi fl-Oratorju. Fi tfuliti tgħallimt id-duttrina f'dan iċ-ċentru. Għal sitt snin kont involut fil-kumitat tal-Għaqda Studenti Mostin fejn, fost oħrajn, servejt fil-kariga ta' Segretarju. Għal seba' snin oħra, kont impenjat fil-kumitat tal-Ġuvintur Azzjoni Kattolika fejn, fost oħrajn, qdejt dmiri ta' Viċi President. Kont responsabbli mir-relazzjoni pubbliċi fi żmien meta l-Għaqda Filantropika Talent Mosti kienet tiffunzjona mill-Oratorju. Fil-kappella tiegħu żżewwiġt lil marti. Għadni sal-lum nagħti daqqa t'id fil-produzzjonijiet tad-drammi tal-passjoni li ż-żgħażagħ Oratorjani għadhom itellgħu ta' kull sena. Din l-esperjenza mifruxa fuq aktar minn 35 sena għenitni ħafna meta ġejt biex insawwar ir-riċerka fuq l-istorja u l-istejjer tal-Oratorju. Minbarra li pprovdietli kurdun twil ta' anedotti li għexthom jien stess, għenitni wkoll biex inkun aktar riflessiv fl-istil tal-kitba. Meta l-għajn tar-riċerka tieħu s-sors tagħha mill-esperjenza personali, fix-xjenza soċjali nsejħulha bħala metodu fenomenuloġiku. Din ir-riċerka ma tistrieħx fuq l-interpretazzjoni bħal ma jiġri fl-intervisti, imma tipprova tifhem ir-realtà mill-perspettiva ta' dak li jkun għex dak il-mument jew dik is-sitwazzjoni (jew fenomenu). Dan il-metodu u għajn ta' riċerka għen mhux biss fit-tiftix għall-informazzjoni, imma wkoll fil-mod ta' kif saret l-analiżi u l-preżentazzjoni tat-tagħrif miġbur.

Il-ħames u l-aħħar sors ta' informazzjoni huma r-ritratti. Fl-istudju tal-metodoloġija, ir-ritratti jiffurmaw parti minn dik li ngħidulha evidenza viżiva. L-informazzjoni primarja mhix biss statistika, rakkont ta' esperjenzi u interpretazzjoni ta' fatti u figuri, imma taf tkun ukoll grafika fil-forma ta' illustrazzjonijiet, pjanti ta' perizja, ritratti u filmati. Ħassejt li ma stajtx nikteb fuq l-Oratorju mingħajr ma nirriproduċi l-akbar numru possibbli ta' ritratti fil-kuntest tal-limitazzjonijiet li poġġieli l-istampatur. F'idejja kelli turruni ta' ritratti. Xtaqt li dehru iżjed minnhom, imma l-ktieb hu li hu. Bilfors kelli ninkludi xi ftit, u nħalli ħafna barra. Minnu nnifsu r-ritratt huwa parti mill-istorja, anzi jista' jqanqal emozzjonijiet u nostalġiji ħafna iżjed mid-dati u l-ġrajjiet. Mhux ta' b'xejn li ħafna nies ħassewhom offiżi meta ftit tas-snin ilu ttieħdet id-deċiżjoni li l-famużi inkwatri bir-ritratti nqalgħu u twarrbu. Għalkemm l-inkwantri ntremew, ir-ritratti ntrefgħu u ħafna mir-ritratti li qegħdin jidhru f'dan il-ktieb kienu oriġinarjament esebiti

mal-ħitan tal-Oratorju. Fih innifsu r-ritratt huwa xhieda ta' dak li sar, min ħa sehem u min ibbenefika minn dak li sar. Għalhekk ir-ritratti f'din il-pubblikazzjoni mhumiex qegħdin hemm biex isebbħu, imma biex jikkumplimentaw l-erba' għejun l-oħra tat-tagħrif primarju.

Il-proċess xjentifiku tar-riċerka mhux biss jaħseb biex tiġbor l-informazzjoni, imma jiddixxiplina lill-awtur fil-mod ta' kif għandu jippreżenta l-analiżi tiegħu. B'mod ġenerali ħaddimt l-analiżi kronoloġika billi l-ewwel nispjega s-snin bikrija u nibqa' ġej sa żmienna f'sekwenza loġika. B'danakollu, kien hemm waqtiet oħrajn fejn użajt l-analiżi tematika, partikolarment meta tkellimt dwar l-għaqdiet u l-attivitajiet fl-Oratorju matul l-istaġuni tas-sena. Meta rrikorrejt għall-analiżi tematika, xorta waħda ppruvajt inżomm il-loġika taż-żmien. Ngħid il-verità, il-preżentazzjoni tat-tagħrif – b'metodu kronoloġiku u/jew tematiku – kien l-aktar stadju li ħabbatni tul il-proċess kollu tar-riċerka. Kien x'kien il-metodu analitiku li wżajt, nittama li qiegħed nippreżenta kitba ċara u li ssegwi sekwenza loġika.

Nittama li d-deċiżjonijiet metodoloġiċi li ħadt u li ddokumentajt f'din id-daħla għall-ktieb ikunu ta' għajnuna għall-qarrej biex jifhem aħjar is-sistema u l-loġika li ħaddimt. Inqis dan il-ktieb bħala biċċa xogħol ta' riċerka xjentifika. Fl-istess ħin huwa biċċa xogħol letterarja. Iżda, fuq kollox, dan il-ktieb huwa testimonjanza ħajja tal-ġid kbir li għamel l-Oratorju Qalb ta' Ġesù fuq firxa ta' mitt sena. Huwa ktieb li jagħti ġieħ lil kull min ħabrek biex jaħdem fi ħdan l-Oratorju: saċerdoti, katekisti, benefatturi, ħbieb, żgħażagħ, tfal u l-bqija tal-voluntiera. L-intenzjoni mhix dik li dan il-ktieb iservi ta' djarju tal-ġrajjiet l-imgħoddija, imma li jkun ta' ispirazzjoni u motivazzjoni tal-*leaders*, it-tfal u ż-żgħażagħ tal-lum u t'għada biex huma wkoll ikomplu jagħtu n-nifs tal-ħajja lill-Oratorju. Ħa jinbidlu l-ingranaġġi u ċ-ċineġ tas-sistema minħabba t-taqlib ta' żminijiet ġodda, imma jeħtieġ li l-ħidma nisranija u ċivika fost iż-żgħażagħ tibqa' għaddejja b'ritmu tajjeb u kostanti. B'hekk biss l-Oratorju jistà jibqa' l-pulmun taż-żgħożija fil-Mosta u lil hinn minnha. Malta għad għandha bżonn l-Oratorju tal-Mosta u ta' ċentri oħra bħalu fil-bqija tal-lokalitajiet biex jagħtu skop u direzzjoni, fuq kollox is-sens, liż-żgħażagħ.

Kuraġġ u awguri!

Konvint li l-Qalb ta' Ġesù se tissokta tgħin, tiggwida u tħeġġeġ…

Mario Thomas Vassallo
3 ta' April 2016